Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 19 ta' Novembru 2018**
**(OR. en)**

**14413/18**

**CYBER 285**
**CSDP/PSDC 669**
**COPS 444**
**POLMIL 214**
**EUMC 193**
**RELEX 978**
**JAI 1154**
**TELECOM 415**
**CSC 328**
**CIS 13**
**COSI 290**

**EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| fi: | 19 ta' Novembru 2018 |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Suġġett: | Qafas ta' Politika tal-UE dwar iċ-Ċiberdifiża (aġġornament tal-2018) |

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-Qafas Ta' Politika tal-UE dwar iċ-Ċiberdifiża (kif aġġornat fl-2018), adottat mill-Kunsill fit-3652 laqgħa tiegħu li saret fid-19 ta' Novembru 2018.

**ANNESS**

# QAFAS TA' POLITIKA TAL-UE DWAR IĊ-ĊIBERDIFIŻA

**(kif aġġornat fl-2018)**

## Kamp ta' Applikazzjoni u Objettivi

Biex iwieġbu għall-isfidi li qed jinbidlu fil-qasam tas-sigurtà, l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom isaħħu r-reżiljenza ċibernetika u jiżviluppaw kapaċitajiet robusti ta' ċibersigurtà u ċiberdifiża.

Il-Qafas ta' Politika tal-UE dwar iċ-Ċiberdifiża (CDPF) jappoġġa l-iżvilupp tal-kapaċitajiet ta' ċiberdifiża tal-Istati Membri tal-UE kif ukoll it-tisħiħ tal-protezzjoni ċibernetika tal-infrastruttura tas-sigurtà u d-difiża tal-UE, mingħajr preġudizzju għal-leġislazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri u l-leġislazzjoni tal-UE, inkluż, meta jiġi definit, il-kamp ta' applikazzjoni taċ-ċiberdifiża.

Iċ-ċiberspazju huwa l-ħames qasam tal-operazzjonijiet, flimkien mal-oqsma tal-art, il-baħar, l-ajru, u l-ispazju: l-implimentazzjoni b'suċċess ta' missjonijiet u operazzjonijiet tal-UE dejjem qed issir aktar dipendenti fuq l-aċċess mhux interrott għal ċiberspazju sigur, u għaldaqstant titlob kapaċitajiet operazzjonali robusti u reżiljenti fiċ-ċiberspazju.

L-objettiv tas-CDPF aġġornat hu li tkompli tiġi żviluppata l-politika tal-UE dwar iċ-ċiberdifiża billi jitqiesu l-iżviluppi rilevanti f'fora u oqsma ta' politika rilevanti oħra u l-implimentazzjoni tas-CDPF mill-2014 'l hawn. Is-CDPF jidentifika oqsma ta' prijorità għaċ-ċiberdifiża u jiċċara r-rwoli tal-atturi Ewropej differenti, filwaqt li jirrispetta b'mod sħiħ ir-responsabbiltajiet u l-kompetenzi tal-atturi tal-Unjoni u tal-Istati Membri kif ukoll il-qafas istituzzjonali tal-UE u l-awtonomija tagħha fit-teħid ta' deċiżjonijiet.

**Kuntest**

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew dwar il-PSDK ta' Diċembru 2013 flimkien mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-PSDK ta' Novembru 2013 appellaw għall-iżvilupp ta' Qafas ta' Politika tal-UE dwar iċ-Ċiberdifiża, abbażi ta' proposta mir-Rappreżentant Għoli, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea u l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA). Il-Qafas ta' Politika tal-UE dwar iċ-Ċiberdifiża ġie adottat mill-Kunsill fit-18 ta' Novembru 2014[1] u minn dakinhar 'l hawn, permezz tal-implimentazzjoni tiegħu, riżultati konkreti wasslu biex il-kapaċitajiet ta' ċiberdifiża tal-Istati Membri jissaħħu b'mod sinifikanti. Bħala parti mir-Rapport Annwali tal-2017 dwar l-Implimentazzjoni tal-Qafas ta' Politika dwar iċ-Ċiberdifiża[2], u filwaqt li qiesu l-inizjattivi tal-UE fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża, partikolarment ir-Rieżami Annwali Koordinat dwar id-Difiża (CARD), il-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO), il-Fond Ewropew għad-Difiża (EDF), u l-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK kif ukoll ir-reviżjoni tal-2018 tal-Pjan ta' Żvilupp tal-Kapaċitajiet (CDP) u l-Pjan ta' Żvilupp tal-Kapaċità Ċivili (CCDP), l-Istati Membri appellaw għal aġġornament tal-Qafas ta' Politika tal-UE dwar iċ-Ċiberdifiża.

Iċ-ċibersigurtà hija prijorità fi ħdan l-Istrateġija Globali dwar il-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-UE u fi ħdan il-Livell ta' Ambizzjoni tal-UE[3]. L-Istrateġija Globali tenfasizza l-ħtieġa li jiżdiedu l-kapaċitajiet ta' ħarsien tal-UE u ċ-ċittadini tagħha u ta' rispons għal kriżijiet esterni. L-Istrateġija Globali tenfasizza l-ħtieġa li l-UE bħala komunità ta' sigurtà tissaħħaħ. F'dan il-kuntest, l-isforzi ta' sigurtà u difiża għandhom ukoll isaħħu r-rwol strateġiku tal-UE u l-kapaċità tagħha li taġixxi b'mod awtonomu kull meta u kull fejn ikun hemm bżonn u mas-sħab meta jkun possibbli. Dawn il-miri jitolbu aktar kooperazzjoni fl-iżvilupp ta' kapaċitajiet, filwaqt li jiġu promossi l-effettività u l-interoperabbiltà tal-kapaċitajiet ċivili u militari li jirriżultaw.

---

1 dokument tal-Kunsill 15585/14, 18.11.2014.
2 dokument tal-Kunsill 15870/17, 19.12.2017
3 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġija globali tal-UE fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża, 14.11.2016

Il-ġabra komuni ta' proposti għall-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta ffirmata mill-President tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kummissjoni Ewropea u s-Segretarju Ġenerali tal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana f'Varsavja fit-8 ta' Lulju 2016[4] tinkludi azzjonijiet konkreti biex tikber il-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO fiċ-ċibersigurtà u d-difiża inkluż fil-kuntest ta' missjonijiet u operazzjonijiet, kif ukoll b'rabta mal-iżvilupp tal-kapaċitajiet ta' ċiberdifiża, ir-riċerka u t-teknoloġija, it-taħriġ, l-edukazzjoni, l-eżerċizzji u l-integrazzjoni taċ-ċiberspazju fil-ġestjoni tal-kriżijiet. Din il-kooperazzjoni ssir b'rispett sħiħ tal-prinċipji ta' attitudni miftuħa, it-trasparenza, l-inklużività, ir-reċiproċità, u l-awtonomija tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE. Arranġament Tekniku bejn l-Iskwadra ta' Rispons f'Emerġenza relatata mal-Kompjuters tal-UE (CERT-UE) u l-Kapaċità ta' Rispons tan-NATO għal Inċidenti relatati mal-Kompjuters (NCIRC), iffirmat fi Frar 2016, qed jiffaċilita l-kondiviżjoni ta' informazzjoni teknika biex jittejbu l-prevenzjoni u l-identifikazzjoni ta' inċidenti ċibernetiċi u r-rispons għalihom fiż-żewġ organizzazzjonijiet.

Ta' min ifakkar li għadd ta' politiki tal-UE jagħtu kontribut għall-objettivi tal-politika dwar iċ-ċiberdifiża kif tinsab f'dan id-dokument, u dan il-qafas iqis ukoll l-appoġġ rilevanti għar-regolamentazzjoni, il-politika u t-teknoloġija fil-qasam ċivili. Pereżempju f'Lulju 2016, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw id-Direttiva dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u tas-Sistemi tal-Informazzjoni[5] (NIS), li ser iżżid il-livell ta' tħejjija ġenerali tal-Istati Membri kontra theddid ċibernetiku, u ssaħħaħ il-kooperazzjoni madwar l-UE. Din id-Direttiva tistabbilixxi miżuri bil-għan li jinkiseb livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni fl-Unjoni sabiex is-suq intern jaħdem aħjar. L-iskadenza għat-traspożizzjoni tad-Direttiva kienet id-9 ta' Mejju 2018.

---

4 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta mill-President tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kummissjoni Ewropea u s-Segretarju Ġenerali tal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana (6 ta' Diċembru 2016, 15283/16; 5 ta' Diċembru 2017, 14802/17)

5 Id-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni, ĠU L 194, 19.7.2016, p. 1.

Il-proposta, f'Settembru 2017, għal Att dwar iċ-Ċibersigurtà tal-UE tinkludi l-mandat il-ġdid għall-aġenzija taċ-ċibersigurtà tal-UE (ENISA) u t-twaqqif ta' qafas ta' ċertifikazzjoni għall-UE kollha. Ladarba jkun stabbilit, il-qafas ta' ċertifikazzjoni għandu jappoġġa standards għoljin għall-proċessi, il-prodotti u s-servizzi tal-ICT u jkun sors ta' vantaġġ kompetittiv u jżid il-kunfidenza għall-konsumaturi u x-xerrejja. Barra minn hekk, f'Settembru 2017, il-Kummissjoni ħadet pass ieħor biex tħejji lill-UE f'każ ta' inċidenti ta' ċibersigurtà transfruntieri fuq skala kbira ("Blue Print"), u issa qiegħda taħdem mal-Istati Membri u istituzzjonijiet, aġenziji u korpi oħrajn fuq l-iżvilupp ta' Kooperazzjoni Ewropea fi Kriżijiet ta' Ċibersigurtà, billi tistabbilixxi l-operazzjonalizzazzjoni prattika u d-dokumentazzjoni tal-atturi, il-proċessi u l-proċeduri rilevanti kollha fil-kuntest tal-mekkaniżmi eżistenti ta' ġestjoni ta' kriżijiet u diżastri tal-UE, b'mod partikolari l-arranġamenti Integrati għal Rispons Politiku f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi.

Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tar-Reżiljenza Ċibernetika tal-Ewropa ta' Novembru 2016 spjegaw il-mira komuni ta' kontribut għall-awtonomija strateġika tal-UE, kif imsemmija fil-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Novembru 2016 dwar l-Istrateġija Globali dwar il-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea, inkluż fiċ-ċiberspazju. Il-Kunsill Ewropew tenna dan il-messaġġ f'Ġunju 2018 u enfasizza wkoll il-ħtieġa li jissaħħu l-kapaċitajiet kontra theddid għaċ-ċibersigurtà minn barra l-UE.

Fl-2017 il-Kunsill adotta Qafas għal rispons diplomatiku konġunt tal-UE għal attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi (is-sett ta' għodod taċ-ċiberdiplomazija)[6]. Il-Qafas huwa mistenni li jinkoraġġixxi l-kooperazzjoni, jiffaċilita l-mitigazzjoni ta' theddidiet, u jinfluwenza l-imġiba ta' aggressuri potenzjali fuq perijodu twil. Il-Qafas jagħmel użu mill-miżuri tal-PESK, fosthom miżuri restrittivi, sabiex jipprevjeni u jirreaġixxi għal attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi. Jeħtieġ li l-atturi ta' attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi jinżammu responsabbli għall-azzjonijiet tagħhom, u l-Istati Membri tal-UE huma mħeġġa jkomplu jiżviluppaw il-ħila tagħhom li jirreaġixxu għal attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi, b'mod ikkoordinat f'konformità mas-sett ta' għodod taċ-ċiberdiplomazija. L-Istati ma għandhomx iwettqu jew jappoġġaw b'mod konxju attivitajiet ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni li jmorru kontra l-obbligi tagħhom skont id-dritt internazzjonali, u ma għandhomx b'mod konxju jħallu lit-territorju tagħhom jintuża għal atti ħżiena fuq livell internazzjonali bl-użu ta' teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni.

Il-Kummissjoni u r-RGħ/VP ippreżentaw Komunikazzjoni Konġunta[7] dwar iċ-ċiberspazju f'Settembru 2017 biex jittaffew ir-riskji li ġejjin mill-ambjent ġdid ta' theddid. Din tinkludi ċ-ċiberdifiża bħala wieħed mill-oqsma ewlenin ta' azzjoni, u s-CDPF huwa wieħed mill-pilastri tal-implimentazzjoni konkreta tagħha[8].

Il-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Novembru 2017 dwar kwistjonijiet ta' ċiberspazju għarfu r-rabtiet dejjem jikbru bejn iċ-ċibersigurtà u d-difiża u appellaw biex tiżdied il-kooperazzjoni fuq iċ-ċiberdifiża, inkluż billi titħeġġeġ il-kooperazzjoni bejn komunitajiet ċivili u dawk militari ta' rispons għall-inċidenti. Jisħqu wkoll li inċident jew kriżi ċibernetika partikolarment serja tista' tkun raġuni valida biżżejjed biex Stat Membru jinvoka l-Klawżola ta' Solidarjetà tal-UE u/jew il-Klawżola ta' Assistenza Reċiproka.

---

6 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Qafas għal Rispons Diplomatiku Konġunt tal-UE għal Attivitajiet Ċibernetiċi Malizzjużi ("Għodda tad-Diplomazija Diġitali"), 9916/17, 7 ta' Ġunju 2017

7 Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: Reżiljenza, Deterrenza u Difiża: Il-bini ta' ċibersigurtà b'saħħitha għall-UE (13 ta' Settembru 2017, JOIN(2017) 450 final)

8 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: Reżiljenza, Deterrenza u Difiża: Il-bini ta' ċibersigurtà b'saħħitha għall-UE (20 ta' Novembru 2017, 14435/17)

Fil-11 ta' Diċembru 2017, tnediet il-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO). Dan il-qafas ambizzjuż, vinkolanti u inklużiv ta' kooperazzjoni twaqqaf fost 25 Stat Membru u jinkludi impenn biex jiżdiedu l-isforzi fil-kooperazzjoni fiċ-ċiberdifiża, kif ukoll proġetti relatati tal-PESCO. L-ewwel ġabra ta' proġetti tal-PESCO identifikati mill-Istati Membri parteċipanti fil-PESCO fl-2017 tinkludi żewġ proġetti marbutin maċ-ċiberdifiża: "Timijiet ta' Rispons Rapidu Ċibernetiku u Assistenza Reċiproka fis-Sigurtà Ċibernetika" u "Pjattaforma għall-Kondiviżjoni tal-Informazzjoni dwar it-Theddid Ċibernetiku u r-Rispons għall-Inċidenti". Huma previsti ġabriet oħra ta' proġetti tal-PESCO. Il-PESCO ser tiżviluppa kapaċitajiet ta' ċiberdifiża, u għaldaqstant issaħħaħ il-kooperazzjoni fost l-Istati Membri parteċipanti u żżid l-interoperabbiltà.

Il-Pjan ta' Żvilupp tal-Kapaċitajiet (CDP) aġġornat tal-UE approvat mill-Bord ta' Tmexxija tal-EDA f'Ġunju 2018 jidentifika ċ-ċiberdifiża bħala element ewlieni, filwaqt li jagħraf il-ħtieġa ta' operazzjonijiet ċibernetiċi difensivi fi kwalunkwe kuntest operazzjonali, imsejsin fuq għarfien sofistikat tas-sitwazzjoni attwali taċ-ċiberspazju u dik prevista, inkluż il-kapaċità li jiġu kkombinati ammonti kbar ta' data u intelligence minn bosta sorsi b'appoġġ għal teħid rapidu ta' deċiżjonijiet u aktar awtomatizzazzjoni tal-proċess ta' ġbir tad-data, analiżi u għajnuna għad-deċiżjonijiet. Is-CDP tal-2018 jidentifika prijoritajiet għall-kapaċità ta' ċiberdifiża fl-oqsma li ġejjin: il-kooperazzjoni u s-sinerġiji ma' atturi rilevanti fl-oqsma taċ-ċiberdifiża u ċ-ċibersigurtà; attivitajiet ta' riċerka u teknoloġija marbutin maċ-ċiberdifiża; oqfsa ta' inġinerija tas-sistemi għal operazzjonijiet ċibernetiċi; edukazzjoni, taħriġ, eżerċizzji u evalwazzjoni (ETEE); l-indirizzar ta' sfidi taċ-ċiberdifiża fl-Ajru, l-Ispazju, il-Baħar u l-Art.

Fl-aħħar nett, tul dawn l-aħħar snin, sar ċar li hemm bżonn li l-komunità internazzjonali tipprevjeni l-konflitti, tikkoopera u tistabbilizza ċ-ċiberspazju. L-UE qed tippromwovi, f'kooperazzjoni mill-qrib ma' organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn, b'mod partikolari n-NU, l-OSKE u l-Forum Reġjonali tal-ASEAN, qafas strateġiku għall-prevenzjoni tal-konflitti, il-kooperazzjoni u l-istabbiltà fiċ-ċiberspazju, li jinkludi (i) l-applikazzjoni tad-dritt internazzjonali, u b'mod partikolari l-Karta tan-NU kollha kemm hi, fiċ-ċiberspazju; (ii) ir-rispett ta' normi, regoli u prinċipji universali mhux vinkolanti ta' mġiba responsabbli mill-Istati; (iii) l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' miżuri reġjonali għat-tisħiħ tal-fiduċja (CBMs). Il-Qafas ta' Politika għaċ-Ċiberdifiża għandu jappoġġa wkoll dan l-isforz.

**Prijoritajiet**

Ġew identifikati sitt oqsma ta' prijorità fis-CDPF aġġornat. Punt ta' attenzjoni ewlieni f'dan il-qafas ta' politika huwa l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' ċiberdifiża, kif ukoll il-protezzjoni tan-netwerks ta' komunikazzjoni u informazzjoni tal-PSDK tal-UE. Fost l-oqsma ta' prijorità l-oħrajn hemm: it-taħriġ u l-eżerċizzji, ir-riċerka u t-teknoloġija, il-kooperazzjoni ċivili-militari u l-kooperazzjoni internazzjonali. Fil-qasam tat-taħriġ, tingħata enfasi liż-żieda fit-taħriġ dwar iċ-ċiberdifiża fl-Istati Membri u fit-taħriġ dwar l-għarfien taċ-ċiberspazju tal-katina ta' kmand tal-PSDK. Huwa importanti wkoll li d-dimensjoni ċibernetika tiġi indirizzata b'mod adegwat fl-eżerċizzji sabiex titjieb il-kapaċità tal-UE li tirreaġixxi għal kriżijiet ċibernetiċi u ibridi billi jittejbu l-proċeduri ta' teħid ta' deċiżjonijiet d-disponibbilità ta' informazzjoni. Iċ-ċiberspazju huwa qasam li qed jiżviluppa rapidament u l-iżviluppi teknoloġiċi ġodda jeħtieġ li jiġu appoġġati, kemm fil-qasam ċivili kif ukoll f'dak militari. Il-kooperazzjoni ċivili-militari fil-qasam taċ-ċibernetika hija kruċjali biex jiġi żgurat rispons koerenti għat-theddid ċibernetiku. L-aħħar, iżda mhux l-inqas, iż-żieda fil-kooperazzjoni mas-sħab internazzjonali jista' jgħin biex tissaħħaħ iċ-ċibersigurtà fi ħdan l-UE u lil hinn minnha, u biex jiġu promossi l-prinċipji u l-valuri tal-UE.

Dan il-qafas jiddeskrivi l-proposti u l-opportunitajiet għall-koordinazzjoni bejn l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji rilevanti tal-UE. Jirrifletti wkoll ir-rwol importanti tas-settur privat għall-iżvilupp ta' teknoloġiji għaċ-ċibersigurtà u ċ-ċiberdifiża.

Barra minn hekk, is-CDPF ikompli jappoġġa l-integrazzjoni taċ-ċiberdifiża fi ħdan il-mekkaniżmi tal-Unjoni għall-immaniġġar ta' kriżijiet, fejn, biex jiġu ttrattati l-effetti ta' kriżi ċibernetika, jistgħu jkunu applikabbli dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat dwar l-UE u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE[9].

## 1. Appoġġ għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet tal-Istati Membri fil-qasam taċ-ċiberdifiża

L-iżvilupp ta' kapaċitajiet u teknoloġiji ta' ċiberdifiża għandu jindirizza l-aspetti kollha tal-iżvilupp tal-kapaċitajiet, fosthom id-duttrina, it-tmexxija, l-organizzazzjoni, il-persunal, it-taħriġ, l-industrija, it-teknoloġija, l-infrastruttura, il-loġistika u l-interoperabbiltà. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom iżidu l-isforzi tagħhom biex jiksbu kapaċità effettiva ta' ċiberdifiża. Is-SEAE, il-Kummissjoni u l-EDA għandhom jaħdmu flimkien u jappoġġaw dawn l-isforzi.

Hi meħtieġa valutazzjoni kontinwa tal-vulnerabbiltajiet tal-infrastrutturi tal-informazzjoni li jappoġġaw il-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK, flimkien ma' fehim f'ħin kważi reali tal-effettività tal-protezzjoni. Mill-perspettiva operazzjonali, wieħed mill-oqsma ewlenin ta' attenzjoni tal-attivitajiet ta' ċiberdifiża ser ikun il-ħarsien tad-disponibbiltà, l-integrità u l-kunfidenzjalità tan-netwerks ta' komunikazzjoni u informazzjoni tal-PSDK, sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor fil-mandat tal-operazzjonijiet jew il-missjonijiet. Barra minn hekk, is-SEAE, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, ser ikompli jintegra l-kapaċitajiet ċibernetiċi fil-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK.

Dawk li jwettqu attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi jeħtieġ li jinżammu responsabbli għall-azzjonijiet tagħhom. Huwa importanti li l-Istati Membri tal-UE, appoġġati mis-SEAE, irawmu kooperazzjoni reċiproka biex jirreaġixxu għal attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi. Is-sett ta' għodod taċ-ċiberdiplomazija ġie żviluppat biex jgħin biex jinkiseb rispons reċiproku bħal dan. Is-SEAE u l-EDA ser jorganizzaw eżerċizzji regolari fuq il-bażi tas-sett ta' għodod taċ-ċiberdiplomazija fejn l-Istati Membri tal-UE jistgħu jipprattikaw dan.

[9] L-Artikoli 222 TFUE u 42(7) TUE, b'kunsiderazzjoni xierqa tal-Artikolu 17 TUE.

Filwaqt li jitqies il-fatt li, fil-leġislazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri kif ukoll fil-leġislazzjoni tal-UE, il-kamp ta' applikazzjoni taċ-ċiberdifiża huwa wiesa' u diversifikat, fejn u meta jkun definit, hemm ħtieġa li jiġi żviluppat fehim aggregat komuni tal-kamp ta' applikazzjoni taċ-ċiberdifiża.

Peress li l-operazzjonijiet militari tal-PSDK jiddependu minn infrastruttura ta' Kmand, Kontroll, Komunikazzjoni u Kompjuters (K4) ipprovduta mill-Istati Membri, hu meħtieġ ċertu livell ta' konverġenza strateġika fl-ippjanar tar-rekwiżiti fil-qasam taċ-ċiberdifiża għall-infrastruttura tal-informazzjoni.

**Filwaqt li jibnu fuq il-ħidma tal-Iskwadra Responsabbli għall-Proġett tal-EDA fil-qasam taċ-Ċiberdifiża għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet ta' ċiberdifiża, l-EDA u l-Istati Membri ser:**

- Jużaw il-Pjan ta' Żvilupp tal-Kapaċitajiet u strumenti oħra bħall-CARD li jiffaċilitaw u jappoġġaw il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri sabiex itejbu l-livell ta' konverġenza fl-ippjanar tar-rekwiżiti taċ-ċiberdifiża tal-Istati Membri fil-livell strateġiku, b'mod partikolari fir-rigward tal-monitoraġġ, l-għarfien tas-sitwazzjoni, il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-protezzjoni, il-kondiviżjoni tal-informazzjoni, il-kapaċità ta' analiżi forensika u ta' softwares malizzjużi, it-tagħlimiet meħuda, il-limitazzjoni tal-ħsara, il-kapaċitajiet ta' rkupru dinamiku, il-ħżin imqassam tad-data u l-back-ups tad-data.
- Jappoġġaw proġetti attwali u futuri ta' akkomunament u kondiviżjoni għal operazzjonijiet militari relatati maċ-ċiberdifiża (eż. fil-forensika, l-iżvilupp tal-interoperabbiltà, l-iffissar ta' standards).
- Jiżviluppaw ġabra standard ta' objettivi u rekwiżiti li jiddefinixxu l-livell minimu ta' ċibersigurtà u fiduċja li għandu jinkiseb mill-Istati Membri, fuq il-bażi tal-esperjenza eżistenti mill-UE kollha.

**Is-SEAE u l-EDA ser:**

- Jiffaċilitaw l-iskambji bejn l-Istati Membri dwar duttrini nazzjonali fil-qasam taċ-ċiberdifiża, kif ukoll dwar programmi ta' reklutaġġ, żamma fis-servizz u ta' riżerva ta' persunal orjentati lejn iċ-ċiberdifiża.

**L-EDA ser:**

- Tistudja l-kampijiet ta' applikazzjoni differenti tar-rekwiżiti militari taċ-ċiberdifiża fil-leġislazzjoni nazzjonali u l-aħjar prattiki tal-Istati Membri. L-objettiv ewlieni tal-istudju ser ikun l-iżvilupp ta' struttura ta' intrapriża għaċ-ċiberdifiża, li tinkludi l-kamp ta' applikazzjoni, il-funzjonalitajiet u r-rekwiżiti użati fil-qasam mill-Istati Membri abbażi tal-leġislazzjoni nazzjonali u dik tal-UE.

**L-Istati Membri, fuq bażi volontarja, ser:**

- Itejbu l-kooperazzjoni fost is-CERTs militari tagħhom biex jitjiebu l-prevenzjoni u t-trattament ta' inċidenti.
- Jieħdu vantaġġ mill-PESCO biex ikomplu jżidu l-kooperazzjoni fuq iċ-ċiberdifiża, inkluż proġetti ġodda.
- Jieħdu vantaġġ mill-Fond Ewropew għad-Difiża biex flimkien jiżviluppaw kapaċitajiet ta' ċiberdifiża.
- Jiżviluppaw fehim komuni tal-applikazzjoni tal-klawżola ta' assistenza reċiproka fil-qasam taċ-ċibernetika, filwaqt li jżommu l-flessibbiltà tagħha.
- Jiżviluppaw rekwiżiti bażi ta' ċiberdifiża għall-infrastruttura tal-informazzjoni.
- Sa fejn it-titjib tal-kapaċitajiet ta' ċiberdifiża jiddependi mill-għarfien espert ċivili dwar is-sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni, jieħdu vantaġġ mill-għarfien espert tal-ENISA, tal-awtoritajiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Grupp ta' Kooperazzjoni dwar in-NIS, u ta' entitajiet possibbli oħrajn fil-livell tal-UE b'għarfien espert fiċ-ċibersigurtà ċivili.

**L-Istati Membri, il-Persunal Militari tas-SEAE/UE, il-Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża (KESD) u l-EDA ser:**

- Jikkunsidraw l-iżvilupp ta' taħriġ fil-qasam taċ-ċiberdifiża, bil-ħsieb ta' ċertifikazzjoni ta' Grupp Tattiku tal-UE.

**Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, ser:**

- Tikkunsidra ċ-ċiberdifiża fil-programmi ta' ħidma tal-Programm Ewropew għall-Iżvilupp Industrijali fil-Qasam tad-Difiża u l-Fond Ewropew għad-Difiża.

## 2. Titjib tal-protezzjoni tas-sistemi tan-netwerks ta' komunikazzjoni u informazzjoni tal-PSDK li jintużaw minn entitajiet tal-UE

Mingħajr preġudizzju għar-rwol tal-Iskwadra ta' Rispons f'Emerġenza relatata mal-Kompjuters għall-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE (CERT-UE) bħala l-istruttura ċentrali tal-UE għal koordinazzjoni ta' rispons f'inċidenti ċibernetiċi għall-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji kollha tal-Unjoni u fil-qafas tar-regoli rilevanti dwar il-baġit tal-Unjoni, is-SEAE ser jiżviluppa għarfien adegwat u awtonomu ta' materji marbutin mas-sigurtà u d-difiża tan-netwerks u jiżviluppa l-kapaċità tiegħu fil-qasam tas-sigurtà tal-IT. Ser ikollu l-għan li jtejjeb ir-reżiljenza tan-netwerks tal-PSDK tas-SEAE, b'enfasi fuq il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, ir-rispons għall-inċidenti, l-għarfien tas-sitwazzjoni, l-iskambju ta' informazzjoni u l-mekkaniżmi ta' twissija bikrija.

Il-protezzjoni tas-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni tas-SEAE u l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' sigurtà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni (IT) huma mmexxija mid-Direttorat Ġenerali għall-Baġit u l-Amministrazzjoni (BA) tas-SEAE. Ser jingħataw ukoll riżorsi u appoġġ iddedikati addizzjonali mill-Persunal Militari tal-Unjoni Ewropea (EUMS), id-Direttorat għall-Maniġġar ta' Kriżijiet u l-Ippjanar (CMPD) u l-Kapaċità Ċivili tal-Ippjanar u t-Tmexxija (CPCC). Din il-kapaċità ta' sigurtà tal-IT ser tkopri kemm is-sistemi klassifikati kif ukoll dawk mhux klassifikati u ser tkun parti integrali mill-entitajiet operazzjonali eżistenti.

Jeħtieġ ukoll li jiġu ssimplifikati r-regoli dwar is-sigurtà għas-sistemi tal-informazzjoni pprovduti minn atturi istituzzjonali differenti tal-UE matul it-twettiq ta' missjonijiet u operazzjonijiet tal-PSDK. F'dan il-kuntest, tista' tiġi kkunsidrata katina ta' kmand unifikata bil-għan li titjieb ir-reżiljenza ta' netwerks użati għall-PSDK.

Għal koordinazzjoni aħjar u biex jissaħħu l-protezzjoni u r-reżiljenza tas-sistemi u n-netwerks ta' komunikazzjoni u informazzjoni tal-PSDK, fl-2017 inħoloq Bord intern tas-SEAE għall-Governanza tal-Qasam taċ-Ċiberspazju taħt is-Segretarju Ġenerali tas-SEAE.

**Is-SEAE/il-BA ser:**

- Isaħħu l-kapaċità ta' sigurtà tal-IT fi ħdan is-SEAE, abbażi ta' kapaċitajiet u proċeduri tekniċi eżistenti, b'enfasi fuq il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, ir-rispons għall-inċidenti, l-għarfien tas-sitwazzjoni, l-iskambju ta' informazzjoni u l-mekkaniżmu ta' twissija bikrija. Ser tissaħħaħ aktar l-istrateġija ta' kooperazzjoni mas-CERT-UE u l-kapaċitajiet ta' ċibersigurtà eżistenti tal-UE.

**Is-SEAE/il-BA, flimkien mal-EUMS, l-MPCC, is-CMPD u s-CPCC, ser:**

- Jiżviluppaw politika u linji gwida koerenti dwar is-sigurtà tal-IT, b'kont meħud ukoll tar-rekwiżiti tekniċi għaċ-ċiberdifiża fil-kuntest tal-PSDK għal strutturi, missjonijiet u operazzjonijiet, filwaqt li jitqiesu l-oqfsa u l-politiki ta' kooperazzjoni eżistenti fi ħdan l-UE biex tinkiseb konverġenza fir-regoli, il-politiki u l-organizzazzjoni.

**Is-SEAE/il-Kapaċità Unika ta' Analiżi tal-Intelligence (SIAC) ser:**

- Jibnu fuq strutturi eżistenti, isaħħu l-kapaċità ta' valutazzjoni tat-theddid ċibernetiku u ta' intelligence biex jiġu identifikati riskji ċibernetiċi ġodda u jipprovdu valutazzjonijiet regolari tar-riskju abbażi tal-valutazzjoni strateġika tat-theddid u informazzjoni dwar l-inċidenti kważi f'ħin reali kkoordinati bejn l-istrutturi rilevanti tal-UE li jsiru aċċessibbli fuq livelli differenti ta' klassifikazzjoni.

**Is-SEAE/ l-SIAC u s-CERT-EU ser:**

- Jippromwovu l-kondiviżjoni tal-informazzjoni f'ħin reali dwar it-theddid ċibernetiku bejn l-Istati Membri u l-entitajiet rilevanti tal-UE. Għal dan il-għan, ser jiġu żviluppati mekkaniżmi ta' kondiviżjoni tal-informazzjoni u miżuri għall-bini ta' fiduċja bejn l-awtoritajiet nazzjonali u Ewropej rilevanti, permezz ta' approċċ volontarju li jibni fuq il-kooperazzjoni eżistenti.

**Is-SEAE/l-EUMS u l-MPCC ser:**

- Ikomplu jiżviluppaw u jintegraw fl-ippjanar fil-livell strateġiku kunċett ta' ċiberdifiża għall-missjonijiet u l-operazzjonijiet militari tal-PSDK.
- Jiżviluppaw, f'kooperazzjoni mal-kwartieri ġenerali operazzjonali, Proċedura Operazzjonali Standard Ċibernetika ta' livell operazzjonali ġeneriku.

**Is-SEAE/is-CPCC u s-CMPD ser:**

- Ikomplu jiżviluppaw u jintegraw fl-ippjanar strateġiku kunċett ta' ċiberdifiża għall-missjonijiet ċivili tal-PSDK.
- Isaħħu l-kapaċitajiet ta' ċiberdifiża tal-missjonijiet ċivili tal-PSDK billi jibnu fuq l-infrastruttura eżistenti u jippromwovu l-istandardizzazzjoni u l-armonizzazzjoni tat-teknoloġiji użati fi ħdan il-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK, filwaqt li jisfruttaw, fejn rilevanti, l-għarfien espert tas-CERT-UE, l-ENISA u l-EDA.
- Fil-proċess ta' tisħiħ tal-PSDK ċivili, ser jinvestigaw aktar il-possibbiltà ta' appoġġ lill-pajjiżi ospitanti fir-rigward taċ-ċibersigurtà minn missjonijiet ċivili tal-PSDK.

**Is-SEAE ser:**

- Ikompli jiżviluppa rekwiżiti komuni għall-missjonijiet u operazzjonijiet militari u ċivili tal-PSDK.
- Isaħħaħ il-koordinazzjoni taċ-ċiberdifiża biex jiġu implimentati objettivi relatati mal-protezzjoni ta' netwerks użati mill-atturi istituzzjonali tal-UE li jappoġġaw il-PSDK, abbażi ta' esperjenzi eżistenti mill-UE kollha.
- Jirrieżamina regolarment ir-rekwiżiti ta' riżorsi u deċiżjonijiet ta' politika rilevanti oħra abbażi tal-ambjent ta' theddid li qed jinbidel, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri u istituzzjonijiet oħra tal-UE.

## 3. Promozzjoni tal-kooperazzjoni ċivili-militari

Iċ-ċiberspazju huwa qasam li qed jiżviluppa rapidament: l-iżviluppi teknoloġiċi jeħtieġ li jissaħħu permezz ta' sistemi ta' sigurtà, kemm fil-qasam ċivili kif ukoll dak militari. Sa fejn possibbli, għandha tkun prevista l-koordinazzjoni bejn il-qasam ċivili u dak militari fil-każijiet fejn żviluppi teknoloġiċi simili jġibu soluzzjonijiet għal applikazzjonijiet ċivili u militari. F'każijiet oħra, il-kapaċitajiet militari u s-sistemi ta' armi huma tant speċifiċi li ma hemm l-ebda lok għall-kondiviżjoni ma' teknoloġiji ċivili. Mingħajr preġudizzju għall-organizzazzjoni u l-leġislazzjoni interna tal-Istati Membri, il-kooperazzjoni ċivili-militari fil-qasam ċibernetiku tista' titqies, fost oħrajn, għall-iskambju tal-aħjar prattiki, l-iskambju ta' informazzjoni u mekkaniżmi ta' twissija bikrija, il-valutazzjonijiet tar-riskju marbutin mar-rispons għall-inċidenti u s-sensibilizzazzjoni, u għat-taħriġ u l-eżerċizzji.

It-titjib taċ-ċibersigurtà ċivili huwa fattur importanti li jikkontribwixxi għar-reżiljenza ġenerali tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni. Id-Direttiva NIS ittejjeb it-tħejjija fil-livell nazzjonali, u ssaħħaħ il-kooperazzjoni fil-livell tal-Unjoni bejn l-Istati Membri kemm fil-livell strateġiku kif ukoll f'dak operazzjonali. Din il-kooperazzjoni tinvolvi kemm l-awtoritajiet nazzjonali li jissorveljaw il-politiki dwar iċ-ċibersigurtà kif ukoll is-CERTs nazzjonali u s-CERT-UE. Il-kooperazzjoni bejn is-CERTs ċivili u militari għandha tissaħħaħ b'kont dovut meħud ta' dawn l-iżviluppi. L-Att Ewropew il-ġdid dwar iċ-Ċibersigurtà għandu l-għan li jtejjeb ir-reżiljenza Ewropea għaċ-ċiberattakki u jipprovdi qafas ta' ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà għal prodotti u servizzi, u b'hekk iżid il-fiduċja fl-isfera diġitali ċivili.

**L-EDA, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (ENISA), iċ-Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità (EC3) u CERT-UE, flimkien ma' korpi u aġenziji rilevanti oħra tal-EU, fi ħdan il-mandati rispettivi tagħhom u mingħajr sovrapożizzjoni żejda mal-kompetenzi tal-Istati Membri, kif ukoll l-Istati Membri, huma mħeġġa jkomplu jtejbu l-kooperazzjoni tagħhom fl-oqsma li ġejjin:**

- Jiżviluppaw profili ta' kompetenza komuni fil-qasam taċ-ċibersigurtà u ċ-ċiberdifiża abbażi tal-aħjar prattiki internazzjonali u ċ-ċertifikazzjoni li jintużaw mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE, b'kont meħud ukoll ta' standards ta' ċertifikazzjoni fis-settur privat.
- Jikkontribwixxu biex ikomplu jiżviluppaw u jadattaw l-istandards organizzattivi u tekniċi fis-settur pubbliku fir-rigward taċ-ċibersigurtà u ċ-ċiberdifiża għall-użu fis-settur tad-difiża u s-sigurtà. Fejn meħtieġ, jibnu fuq il-ħidma li għaddejja attwalment tal-ENISA u l-EDA.
- Jistabbilixxu jew jiżviluppaw aktar mekkaniżmi u arranġamenti ta' ħidma biex jiskambjaw l-aħjar prattiki, b'mod partikolari dwar l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-eżerċizzji kif ukoll dwar ir-riċerka u t-teknoloġija u oqsma oħra li jipprovdu għal sinerġiji ċivili-militari.
- Jagħmlu użu mill-esperjenzi eżistenti tal-UE fil-prevenzjoni, l-investigazzjoni u l-forensika fil-qasam taċ-ċiberkriminalità u l-użu mtejjeb tagħhom fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet ta' ċiberdifiża.

**L-Istati Membri, fuq bażi volontarja, ser:**

- Isaħħu l-kooperazzjoni bejn is-CERTs militari u ċivili bejn l-Istati Membri.

**Is-SEAE, il-Kummissjoni u l-Istati Membri ser:**

- Jinkludu ċ-ċiberdifiża fi proċeduri ta' maniġġar tal-kriżijiet u tad-diżastri tal-UE (permezz tal-proċess ta' pjan ta' azzjoni).

## 4. Riċerka u Teknoloġija

L-operaturi tal-infrastruttura u s-servizzi tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni (ICT) għal finijiet ċivili u ta' difiża jiffaċċaw sfidi simili fil-qasam taċ-ċibersigurtà, bħala riżultat tar-rekwiżiti komuni tat-teknoloġija u tal-kapaċità operazzjonali. Il-ħtiġijiet komuni tar-riċerka u t-teknoloġija (R&T) u r-rekwiżiti komuni għas-sistemi jiġu antiċipati sabiex titjieb l-interoperabbiltà tas-sistemi fuq medda twila ta' żmien, kif ukoll sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż marbutin mal-iżvilupp ta' soluzzjonijiet. Jeħtieġ li jinkisbu ekonomiji ta' skala sabiex jiġi indirizzat l-għadd dejjem jikber ta' theddidiet u vulnerabbiltajiet. Konsegwentement, dan għandu jiffaċilita l-preservazzjoni u t-tkabbir ta' industrija kompetittiva taċ-ċiberdifiża fl-Ewropa.

L-iżvilupp tal-kapaċitajiet taċ-ċiberdifiża għandu dimensjoni importanti fir-rigward tar-R&T. Fil-qafas tal-Aġenda għar-Riċerka fil-Qasam taċ-Ċiberdifiża (CDRA), l-EDA pprovdiet bażi soda għall-prijoritizzazzjoni tal-finanzjament futur tar-R&T fi ħdan il-qafas intergovernattiv. L-Aġenda Strateġika tar-Riċerka sussegwenti żviluppata fi ħdan il-Grupp ta' Ħidma Ad Hoc rilevanti tal-EDA tipprovdi prijoritizzazzjoni infurmata dwar it-teknoloġiji relatati mal-qasam ċibernetiku neċessarji għall-militar filwaqt li tidentifika opportunitajiet għal sforzi u investimenti b'użu doppju, irrispettivament minn jekk ikunux f'kuntesti nazzjonali, multinazzjonali jew dawk iffinanzjati mill-UE.

Huwa essenzjali li jiġu żviluppati kapaċitajiet teknoloġiċi fl-Ewropa biex itaffu t-theddidiet u l-vulnerabbiltajiet. L-industrija ser tibqa' l-ixprun ewlieni għat-teknoloġija u l-innovazzjoni relatati maċ-ċiberdifiża. Il-kriptografija, is-sistemi integrati siguri, l-identifikazzjoni ta' malware, it-tekniki ta' simulazzjoni u viżwalizzazzjoni, il-protezzjoni tan-netwerks u tas-sistemi ta' komunikazzjoni, it-teknoloġija ta' identifikazzjoni u awtentikazzjoni huma wħud mill-oqsma li għandhom jiġu indirizzati. Huwa importanti wkoll li titrawwem katina ta' provvista taċ-ċibersigurtà industrijali Ewropea kompetittiva billi jiġi appoġġat l-involviment tal-impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs).

Li jiġi żgurat li l-Ewropa tkun kapaċi tlaħħaq mal-kompetituri internazzjonali fir-rigward tal-kapaċitajiet teknoloġiċi jiddependi wkoll fuq il-ħila tagħna li nagħtu spinta lill-innovazzjoni rivoluzzjonarja, permezz ta' strumenti nazzjonali kif ukoll dawk tal-UE, bħall-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni.

**Biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni ċivili-militari fl-iżvilupp tal-kapaċità ta' ċiberdifiża, tissaħħaħ il-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea[10], u jikkontribwixxu lill-awtonomija strateġika tal-UE anke fil-qasam taċ-ċiberspazju,** meta u fejn ikun meħtieġ u mas-sħab kull fejn ikun possibbli**,**

**l-EDA, il-Kummissjoni u l-Istati Membri ser:**

- Ifittxu sinerġiji bejn l-isforzi ta' R&T fis-settur militari u l-programmi ċivili ta' Riċerka u Żvilupp, b'mod partikolari dawk rigward innovazzjonijiet rivoluzzjonarji, u jikkunsidraw id-dimensjoni taċ-ċibersigurtà u taċ-ċiberdifiża meta jimplimentaw l-Azzjoni Preparatorja fuq ir-Riċerka dwar id-Difiża.
- Jikkondividu aġendi ta' riċerka fiċ-ċibersigurtà (eż. l-Aġenda Strateġika ta' Riċerka dwar iċ-ċibersigurtà tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża), kif ukoll il-pjanijiet direzzjonali u l-azzjonijiet li jirriżultaw minnhom; għal dan il-għan, ser tiġi żviluppata aġenda ta' riċerka fiċ-ċiberdifiża transsettorjali, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni u l-Istati Membri.
- Jikkontribwixxu biex itejbu l-integrazzjoni tad-dimensjonijiet taċ-ċibersigurtà u taċ-ċiberdifiża fil-programmi li għandhom dimensjoni ta' użu doppju tas-sigurtà u d-difiża, eż. il-programm ta' Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew (SESAR).

[10] Il-Komunikazzjoni "Lejn Settur tad-Difiża u tas-Sigurtà Aktar Kompetittiv u Effiċjenti", COM (2013) 542

**Il-Kummissjoni ser:**

- Tqis il-ħolqien ta' Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà b'Netwerk ta' Ċentri Nazzjonali ta' Koordinazzjoni biex jiġu appoġġati l-kapaċitajiet teknoloġiċi u industrijali fil-qasam taċ-ċibersigurtà u biex tiżdied il-kompetittività tal-industrija taċ-ċibersigurtà tal-Unjoni, filwaqt li tiġi żgurata l-komplementarjetà u l-evitar tad-duplikazzjoni fi ħdan in-Netwerk ta' Ċentri ta' Kompetenza fil-qasam taċ-Ċibersigurtà u ma' aġenziji oħra tal-UE. Iċ-Ċentru għandu, fost oħrajn, isaħħaħ il-kooperazzjoni bejn teknoloġiji u applikazzjonijiet ċivili u dawk ta' difiża, b'ħidma mill-qrib u f'komplementarjetà sħiħa mal-Aġenzija tad-Difiża Ewropea fil-qasam taċ-ċiberdifiża.
- Tappoġġa l-iżvilupp ta' ekosistemi industrijali u raggruppamenti ta' innovazzjoni li jkopru l-katina ta' valur kollha fil-qasam tas-sigurtà billi tibbaża fuq l-għarfien akkademiku, l-innovazzjoni tal-SMEs u l-produzzjoni industrijali.

**Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, ser:**

- Tqis kwistjonijiet ta' ċiberdifiża fis-sejħiet tal-Azzjoni Preparatorja fuq ir-Riċerka dwar id-Difiża.
- Tqis iċ-ċiberdifiża fit-temi invokati fil-Fond Ewropew għad-Difiża.
- Tappoġġa l-koerenza tal-politika tal-UE biex jiġi żgurat li l-aspetti ta' politika u dawk tekniċi tal-protezzjoni ċibernetika tal-UE jibqgħu fuq quddiem nett tal-innovazzjoni teknoloġika u jiġu armonizzati fl-UE kollha (analiżi tat-theddid ċibernetiku u kapaċità ta' valutazzjoni, inizjattivi ta' "sigurtà ppjanata", ġestjoni tad-dipendenza għall-aċċess għat-teknoloġiji, eċċ).

## 5. Jittejbu l-opportunitajiet edukattivi, ta' taħriġ u ta' eżerċizzji

Biex tiżdied it-tħejjija għall-indirizzar ta' theddid ċibernetiku u sabiex tiġi żviluppata kultura komuni ta' ċiberdifiża mal-UE kollha, li jgawdu minnha wkoll il-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-UE, jeħtieġ li jittejbu u jiżdiedu l-opportunitajiet ta' taħriġ fil-qasam taċ-ċiberdifiża. Huwa kruċjali li l-baġits għall-edukazzjoni u t-taħriġ jintużaw b'mod effiċjenti filwaqt li tiġi pprovduta l-ogħla kwalità possibbli. L-akkomunament u l-kondiviżjoni tal-edukazzjoni u t-taħriġ fil-qasam taċ-ċiberdifiża fil-livell Ewropew ser ikunu ta' importanza ewlenija.

**Il-Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża (KESD), is-SEAE, l-EDA, il-Kummissjoni u l-Istati Membri ser:**

- Abbaži tal-Analiżi tal-Ħtiġijiet ta' Taħriġ fil-Qasam taċ-Ċiberdifiża tal-EDA u l-esperjenzi miksuba fit-taħriġ tal-KESD relatat maċ-ċibersigurtà, jistabbilixxu Taħriġ u Edukazzjoni tal-PSDK għal udjenzi differenti, inkluż is-SEAE, persunal mill-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK u uffiċjali tal-Istati Membri, li għandhom jindirizzaw ukoll kwistjonijiet marbutin maż-żamma ta' persunal kwalifikat fuq perijodu ta' żmien qasir, medju u twil.
- Jipproponu l-istabbiliment ta' djalogu fil-qasam taċ-ċiberdifiża rigward standards ta' taħriġ u ċertifikazzjoni ma' Stati Membri, istituzzjonijiet tal-UE, pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn, kif ukoll mas-settur privat.
- Jaħdmu ma' fornituri ta' taħriġ fis-settur privat Ewropew, kif ukoll ma' istituzzjonijiet akkademiċi, biex itejbu l-kompetenzi u l-ħiliet tal-persunal involut f'missjonijiet u operazzjonijiet tal-PSDK.

**Il-KESD ser:**

- Ikompli jiżviluppa l-pjattaforma għall-edukazzjoni, it-taħriġ, l-evalwazzjoni u l-eżerċizzju fil-qasam taċ-ċibersigurtà stabbilita fil-KESD (pjattaforma għall-ETEE fil-qasam taċ-ċibersigurtà).
- Joħloq sinerġiji mal-programmi ta' taħriġ ta' partijiet ikkonċernati oħra bħall-ENISA, il-Europol, il-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL) u ċ-Ċentru ta' Eċċellenza għaċ-Ċiberdifiża Kooperattiva tan-NATO.
- Jesplora l-possibbiltà ta' programmi ta' taħriġ konġunti KESD-NATO fil-qasam taċ-ċiberdifiża, miftuħa għall-Istati Membri kollha tal-UE, bil-għan li titrawwem kultura komuni taċ-ċiberdifiża.

**Il-Kummissjoni ser:**

- Tivvaluta l-opzjonijiet biex jiżdiedu l-opportunitajiet ta' taħriġ u edukazzjoni fl-Istati Membri identifikati mill-pjattaforma għall-ETEE fil-qasam taċ-ċibersigurtà.

**L-EDA ser:**

- Tiżviluppa aktar korsijiet tal-EDA f'kollaborazzjoni mal-KESD biex tissodisfa r-rekwiżiti ta' edukazzjoni, taħriġ u eżerċizzji tal-Istati Membri fil-qasam taċ-ċiberdifiża.
- Tappoġġa l-pjattaforma għall-ETEE fil-qasam taċ-ċibersigurtà permezz, fost oħrajn, tal-integrazzjoni progressiva ta' moduli ta' edukazzjoni, taħriġ, evalwazzjoni u eżerċizzji ċibernetiċi żviluppati fil-qafas tal-EDA.

**Is-SEAE u l-Istati Membri ser:**

- Isegwu l-mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni stabbiliti tal-KESD għall-programmi ta' taħriġ f'kooperazzjoni mill-qrib mas-servizzi rilevanti fl-istituzzjonijiet, korpi u aġenziji tal-UE, abbażi ta' standards u għarfien eżistenti. Iqisu l-possibbiltà li jiġu stabbiliti moduli ċibernetiċi speċifiċi fil-qafas tal-inizjattiva Erasmus Militari.

Jeħtieġ li jitjiebu l-opportunitajiet ta' eżerċizzju fil-qasam taċ-ċiberdifiża għal atturi militari u ċivili tal-PSDK. L-eżerċizzji konġunti jservu ta' għodda għall-iżvilupp ta' għarfien u fehim komuni fil-qasam taċ-ċiberdifiża. Permezz ta' dan ser ikun possibbli li l-forzi nazzjonali jsaħħu t-tħejjija tagħhom biex joperaw f'ambjent multinazzjonali. It-twettiq ta' eżerċizzji komuni fil-qasam taċ-ċiberdifiża ser jibnu wkoll fuq l-interoperabbiltà u l-fiduċja.

**Is-SEAE, l-EDA, CERT-EU u l-Istati Membri ser jiffokaw fuq il-promozzjoni ta' elementi ta' ċiberdifiża f'eżerċizzji tal-PSDK u eżerċizzji oħra:**

- Jintegraw id-dimensjoni taċ-ċiberdifiża f'xenarji eżistenti ta' eżerċizzji għal *MILEX* u *MULTILAYER*.
- Jorganizzaw regolarment eżerċizzji strateġiċi/politiċi bħal *CYBRID 2017* f'koordinazzjoni mal-Eżerċizzju Parallel u Koordinat (PACE) immexxi mill-UE, u eżerċizzji tekniċi-operazzjonali bħal *DEFNET*.
- Jiżviluppaw, kif adatt, eżerċizzju dedikat fil-qasam taċ-ċiberdifiża tal-PSDK tal-UE u jesploraw il-koordinazzjoni possibbli mal-eżerċizzji ċibernetiċi pan-Ewropej bħal *CyberEurope*, organizzati mill-ENISA.
- Ikomplu jipparteċipaw f'eżerċizzji multinazzjonali oħrajn taċ-ċiberdifiża, bħal *Locked Shields*.
- Jistiednu s-sħab internazzjonali rilevanti għall-eżerċizzji, bħan-NATO, f'konformità mal-qafas tal-politika tal-UE dwar l-eżerċizzji.
- Jorganizzaw eżerċizzji regolari abbażi tas-sett ta' għodod taċ-ċiberdiplomazija li fihom l-Istati Membri jistgħu jipprattikaw ir-rispons għal attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi.

## 6. Titjib fil-kooperazzjoni ma' sħab internazzjonali rilevanti

Fil-qafas tal-kooperazzjoni internazzjonali jeħtieġ li jiġi żgurat djalogu mas-sħab internazzjonali, speċifikament in-NATO u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra, sabiex isir kontribut għall-iżvilupp ta' kapaċitajiet effikaċi fil-qasam taċ-ċiberdifiża. Għandu jkun hemm involviment akbar fil-ħidma li qed issir fil-qafas tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE) u n-Nazzjonijiet Uniti (NU), bil-ħsieb li jiġi avvanzat qafas strateġiku għall-prevenzjoni tal-konflitti, il-kooperazzjoni u l-istabbiltà fiċ-ċiberspazju.

Hemm ir-rieda politika fl-UE għal iktar kooperazzjoni man-NATO fir-rigward taċ-ċiberdifiża fl-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' ċiberdifiża robusti u reżiljenti kif meħtieġa mid-Dikjarazzjoni Konġunta ffirmata mill-President tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kummissjoni Ewropea u s-Segretarju tal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana f'Varsavja fit-8 ta' Lulju 2016. Il-konsultazzjonijiet regolari bejn il-persunal, l-aġġornament reċiproċi, kif ukoll il-possibbiltà ta' laqgħat bejn il-Grupp Politiku-Militari u l-kumitati rilevanti tan-NATO, ser jgħinu sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni bla bżonn u jiġu żgurati l-koerenza u l-komplementarjetà tal-isforzi, f'konformità mal-qafas imsemmi hawn fuq.

**Is-SEAE u l-EDA, flimkien mal-Istati Membri, ser ikomplu jiżviluppaw il-kooperazzjoni fil-qasam taċ-ċiberdifiża bejn l-UE u n-NATO, b'rispett dovut għall-qafas istituzzjonali u l-awtonomija deċiżjonali ta' dawn l-organizzazzjonijiet rispettivi:**

- Jintensifikaw l-attivitajiet li għaddejjin bħalissa fil-qafas tal-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta mill-President tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kummissjoni Ewropea u s-Segretarju Ġenerali tal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana.
- Jiskambjaw l-aħjar prattiki fl-immaniġġar tal-kriżijiet kif ukoll fil-qasam taċ-ċiberdifiża ta' missjonijiet u operazzjonijiet militari u ċivili.
- Jaħdmu biex ikun hemm koerenza fir-riżultati tal-iżvilupp tar-rekwiżiti tal-kapaċitajiet ta' ċiberdifiża fejn ikun hemm sovrapożizzjoni bejniethom, speċjalment fl-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' ċiberdifiża fuq medda twila ta' żmien.
- Ikomplu jużaw il-qafas ta' kooperazzjoni tal-EDA flimkien maċ-Ċentru ta' Eċċellenza għaċ-Ċiberdifiża Kooperattiva tan-NATO bħala pjattaforma inizjali ta' kollaborazzjoni msaħħa fi proġetti multinazzjonali ta' ċiberdifiża, abbażi ta' valutazzjonijiet xierqa.

**Il-KESD, is-SEAE u l-EDA ser:**

- Isaħħu l-kooperazzjoni rigward kunċetti għat-taħriġ u l-edukazzjoni kif ukoll l-eżerċizzji fil-qasam taċ-ċiberdifiża.
- Jiżguraw il-parteċipazzjoni reċiproka tal-persunal f'eżerċizzji f'konformità mal-qafas miftiehem.

**Is-CERT-UE ser:**

- Tisfrutta aktar l-arranġament tekniku bejn is-CERT-UE u l-NCIRC (Il-Kapaċità ta' Rispons tan-NATO għal Inċidenti relatati mal-Kompjuters) sabiex jitjiebu l-għarfien tas-sitwazzjoni, il-kondiviżjoni tal-informazzjoni u l-mekkaniżmi ta' twissija bikrija, u jiġu antiċipati theddidiet li jistgħu jaffettwaw liż-żewġ organizzazzjonijiet.

**Fir-rigward ta' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra u sħab internazzjonali rilevanti tal-UE, is-SEAE u l-Istati Membri, ser, kif adatt:**

- Isegwu l-iżviluppi strateġiċi u jikkonsultaw rigward kwistjonijiet fil-qasam taċ-ċiberdifiża mas-sħab internazzjonali (organizzazzjonijiet internazzjonali u pajjiżi terzi).
- Jesploraw il-possibbiltajiet għal kooperazzjoni rigward kwistjonijiet ta' ċiberdifiża, inkluż ma' pajjiżi terzi li jipparteċipaw f'missjonijiet u operazzjonijiet tal-PSDK.
- Jippromwovu fl-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, b'mod partikolari n-NU, l-OSKE u l-Forum Reġjonali tal-ASEAN, l-applikazzjoni tad-dritt internazzjonali eżistenti, b'mod partikolari l-Karta tan-NU fl-intier tagħha, fiċ-ċiberspazju, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' normi mhux vinkolanti universali ta' mġiba responsabbli tal-istati, u miżuri reġjonali ta' bini tal-fiduċja (CBMs) bejn l-Istati sabiex tiżdied it-trasparenza u jonqos ir-riskju ta' perċezzjonijiet żbaljati rigward l-imġiba tal-Istati.

**Il-Kummissjoni u s-SEAE ser:**

- Jappoġġaw, fejn rilevanti, il-bini ta' kapaċitajiet ċibernetiċi għas-sħab tal-UE permezz tal-Istrument emendat li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi (IcSP).

**Segwitu**

Fil-qafas tal-koordinazzjoni mis-SEAE tal-implimentazzjoni tas-CDPF, għandu jiġi ppreżentat rapport ta' progress annwali lill-Grupp Politiku-Militari li jinkludi s-sitt oqsma deskritti hawn fuq, bil-parteċipazzjoni tal-membri tal-Grupp ta' Ħidma Orizzontali dwar Kwistjonijiet ta' Ċiberspazju, u lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà, mis-SEAE/ l-EDA/ il-Kummissjoni, sabiex tiġi vvalutata l-implimentazzjoni tas-CDPF. Ser tiġi pprovduta wkoll preżentazzjoni bil-fomm kull sitt xhur.

Huwa essenzjali li, hekk kif tiżviluppa t-theddida ċibernetika, jiġu identifikati rekwiżiti ġodda ta' ċiberdifiża, li konsegwentement jiġu inklużi fil-Qafas ta' Politika dwar iċ-Ċiberdifiża. Ir-reviżjoni li jmiss tas-CDPF għandha tiġi ppreżentata mhux aktar tard minn nofs l-2022, b'konsultazzjonijiet mill-qrib mal-Istati Membri.